# TRIBUNAL INDUSTRJALI

## DECIZJONI NUMRU 2654

**Kaz Numru 3444/CC**

**Fil-Kwistjoni tax-Xoghol**

**bejn**

**Dr. Adrian Delia bhala mandatarju specjali ghan-nom u in rapprezentanza ta' Dr. Ioannis sive John Katakis (bin-numru tal-karta ta;-identita Griega AK 770243) li hu assenti minn dawn il-gzejjer u wara l-verbal datat 15.11.2017 il-mandat ta' Dr. Katakis rapprezentat minn Dr. Adrian Delia qieghed jigi rtirat u dan peress illi Dr. Katakis issa huwa residenti f'Malta u jista' jidher hu**

**vs**

**Maltco Lotteries Ltd (C32326)**

*dwar tkeccija mill-impjieg allegata ngusta*

**Chairman: Is-Sur Charles Cassar M.B.A.(Exec.), Dip.Lab. Stud., Cert.Mediator (UK)**

**Nhar l-Erbgha 12 ta' Frar, 2020**

- **Introduzzjoni**

Dan il-kaz gie riferut lit-Tribunal Industrjali permezz ta' nota pprezentata ghan-nom tal-Appellant John Katakis minn Dr. Adrian Delia fir-Registru tal-Qrati Superjuri nhar id-29 ta' Jannar, 2017, fejn sostna li t-terminazzjoni tal-impieg ta' Katakis kienet wahda ngusta u kontra l-ligi. Is-Socjeta' ntimata min-naha l-ohra sostniet li t-terminazzjoni mill-impieg kienet ghal raguni tajba u sufficjenti skond il-ligi.

It-Tribunal ha konjizzjoni tad-dikjarazzjonijiet tal-kaz kif prezentati miz-zewg partijiet, zamm sittax-il seduta fejn sema' x-xhieda mressqa miz-zewg nahat, evalwa l-provi u d-dokumenti kollha kif esebiti, kif ukoll ha 'in konsiderazzjoni' l-argumenti kif ipprezentati fit-trattazzjoni finali tal-avukati difensuri.

Ma kienx possibbli li t-Tribunal jiddeciedi dan il-kaz fiz-zmien xahar kif stabbilit mil-ligi kemm minhabba li kien hemm bdil tac-*Chairman* li kien qed jippresjedi dan it-Tribunal u anke minhabba limitazzjonijiet ta' facilitajiet amministrattivi.

- **Rapprezentanza**

John Katakis li minn issa l-quddiem ser jissejjah l-Appellant, kien assisstit minn Dr. Georg Sapiano u Dr. Joseph Grech.

Maltco Lotteries Ltd., li minn issa l-quddiem ser tissejjah is-Socjeta' ntimata kienet irraprezentata minn Vasileios Kasiotakis, assistit minn Dr. Matthew Brincat.

- **Fatti fil-qosor tal-kaz**

L-Appellant kien gie mpjegat mas-Socjeta' ntimata bhala *Chief Executive Officer* b'sehh mill-1 ta' Jannar, 2005.

Nhar is-16 ta' Gunju, 2015, ic-*Chairman* tal-Bord tad-Diretturi Antonios Kerastaris, kien annunzja li b'effett mill-ghada Vasileios Kasiotakis kien ser jassumi r-responsabilitajiet li kellu l-Appellant u dan fil-kapacita ta' *Acting CEO.*

Nhar l-14 t'Ottubru l-Appellant kien gie mgharraf permezz ta' ittra minghand l-istess *Chairman* li l-impjieg tieghu kien gie terminat minn dakinhar stess.

Fil-11 ta' Novembru, 2015, giet imsejjha laqgha straordinarja tax-*shareholders* fejn l-Appellant kien gie mnehhi minn Direttur tas-Socjeta' jirrapprezenta lil Intralot bhala *shareholder*.

- **Gabra fil-qosor tax-xhieda**

**Hugh Mercieca** permezz ta' affidavit xehed li huwa gieli serva bhala Direttur tas-Socjeta' ntimata appuntat mill-azzjonista The Players Group Ltd fuq il-bazi tal-alternanza u dan fis-snin 2011-13-15. Ix-xhud stqarr li kienu diversi l-okkazjonijiet fejn l-Appellant kien igib ruhu arroganti maz-zewg Diretturi appuntati minn Players Group. Stqarr li huwa jaf li d-Diretturi Maltin kienu jilmentaw ghaliex l-Appellant kien jillimita ruhu fl-ghoti ta' certa nformazzjoni li bhala Diretturi kien ikollhom dritt ghalija.
Ix-xhud kompla li lejn Settembru 2014, l-Appellant kien avvicina lid-Diretturi Mario Camilleri u Raphael Bianchi sabiex jinghata zieda sostanzjali fis-salarju, flimkien ma' *allowance* minhabba l-kera u hlas ta' spejjez ta' safar. Ix-xhud qal li l-Appellant kien ghamel din it-talba a bazi tal-fatt li kien ser jiddedika lilu nnifsu fuq il-kumpanija *full-time*.

Ix-xhud qal li kien iddiskuta din it-talba kemm mad-Diretturi riferuti u anke ma' Jean-Paul Tabone, fejn kien gie deciz li tintbaghat ittra lill-Appellant fejn jinfurmawh li ma setghux jaccettaw it-talba tieghu.
Ix-xhud kompla li r-reazzjoni permezz ta' *Email* tal-Appellant ghal din ir-risposta kienet negattiva u wara l-atteggament tieghu lejn id-Diretturi Camilleri u Bianchi mar ghall-aghar, tant li huma kienu nfurmawh (lix-xhud) li wara li ghamlu l-verifiki necessarji mall-Malta Gaming Authority kienu ser jahtru lill-Avv. Reuben Balzan u lill-Avv. Tanya Sciberras Camilleri bhala *Alternate Directors* fuq il-Bord tas-Socjeta' ntimata.
Ix-xhud wara kompla sabiex irrakkonta l-incident fejn l-Appellant ma kienx accetta l-presenza tal-*alternate directors* u kien hassar laqgha tal-Bord.
Irrakkonta wkoll incident fejn ghal habta ta' Dicembru 2014, Joe Rizzo Direttur ta' Associated Supplies Ltd kien infurmah li l-Appellant kien talbu jiffirma ittra ta' apogg ghalih u li kellha tkun indirizzata lil Camilleri u Bianchi izda hu rrifjuta li jiffirma tali ittra.
Ix-xhud qal li minhabba dak li kien qed jigri kienu nfurmaw lid-diretturi kollha u l-azzjonisti tal-Maltco bil-mod arroganti kif kien qed igib ruhu l-Appellant u l-problemi li kenu qed jinholqu konsegwenza ta' hekk.
Ix-xhud stqarr li ma jiftakarx li waqt laqgha tal-Bord tas-16 ta' Gunju 2015 fl-agenda kien hemm mozzjoni sabiex jigi terminat John Katakis u l-anqas ma jiftakar li vvota favur mozzjoni sabiex jigi mkecci Katakis.
Ix-xhud qal li ma jiftakarx li f'dik l-imsemmija laqgha s-CEO Kerastalis tkellem dwar Katakis u l-anqas kif Katakis twaqqaf milli jibqa' jservi bhala CEO tal-kumpanija.

**Jean-Paul Tabone** xehed permezz ta' affidavit fejn il-kontenut tieghu kien kwazi simili ghal dak ta' Hugh Mercieca. Ix-xhud zied id-dettall ta' ncident li kien sehh fid-dar ta' Mario Camilleri wara li dan kien stieden lilu u lill-Appellant sabiex jitkellmu dwar is-sitwazzjoni. Ix-xhud qal li meta ppruvaw ikellmuh (lill-Appellant) dan infexx f'hafna ghajjat u tghajjir.
Ix-xhud stqarr li ma jiftakarx li waqt xi laqgha tal-Bord kien ivvota favur jew kontra mozzjoni sabiex jigi mkecci Katakis u dan ghaliex huwa kien Direttur wara li Katakis kien spicca mix-xoghol. Huwa sostna li kien jaf bit-terminazzjoni ta' Katakis ghaliex kien Direttur ta' Players Group. Huwa qal li kien sar jaf li kien ser ikun hemm it-terminazzjoni ta' Katakis waqt AGM ta' Maltco.
Ix-xhud qal li bhala *shareholder* ta' Maltco kien jaf li Katakis kien talab xi titjib fil-pakkett salarjali tieghu u li huwa (Katakis) kellu '*ongoing issue*' max-*shareholders* dwar atteggament aggressiv lejhom.
Ix-xhud stqarr ukoll li ma jafx b'xi rizoluzzjoni mressqa fil-Bord tad-Diretturi sabiex jintemm l-impjieg ta' Katakis fuq l-*issues* riferuti.

**Mario Camilleri** xehed permezz ta' affidavit u anke in persona. Huwa qal li serva ghal diversi perjodi bhala wiehed miz-zewg diretturi appuntati minn The Players Group Ltd. li kienet azzjonista fis-Socjeta' ntimata. Jghid li r-relazzjoni ta'

xoghol ma’ l-Appellant bhala Direttur u *CEO* ta’ l-istess Socjeta’ kienet ta’ madwar 12 il-sena.
Ix-xhud stqarr li l-Appellant kien regolarment juri arroganza u atteggjament aggressiv lejn id-diretturi bhal waqt laqghat tal-Bord tad-Diretturi u li dan holoq antagonizmu. Ix-xhud qal li l-Appellant kien jirrifjuta b’aggressivita li jghaddi nformazzjoni bhal *Business Plan* lid-diretturi u anke meta talbu nformazzjoni minghand Lino Micallef Borg, kienu gew infurmati li dan kellu struzzjonijiet minghand l-Appellant sabiex ma jghaddi l-ebda nformazzjoni. Ix-xhud ghamel referenza ukoll ghal meta l-appellant kien jaghmel certu akkuzi fil-konfront ta’ Raphael Bianchi dwar xi affarijiet li kienu qeghdin isehhu minn wara dahrna bhala Diretturi tal-Maltco u fejn hu (x-xhud) kien jghidlu (lill-Appellant) sabiex igib il-provi.
Dwar it-talba li kien ghamel l-Appellant ghal zieda fis-salarju u perkacci ohra, x-xhud qal li din kien iddiskutiha ma’ Raphael Bianchi fejn esprimew riservi u anke qablu li jibghatulu ittra f’dak is-sens. F’din l-ittra, kompla x-xhud esprimew is-sorpriza taghhom li sa dak iz-zmien l-Appellant kien qed joffri s-servizzi tieghu lis-socjeta’ fuq livell *part-time*, u anke nfurmawh bil-livell baxx ta’ profit li s-socjeta’ kienet qed taghmel, fejn qalulu li jekk kien ser ikun hemm diskussjonijiet fuq is-salarju tieghu dawn ghandhom ikunu fuq bazi ta’ *performance related bonus*.
Ix-xhud kompla li in segwitu ta’ din l-ittra l-atteggjament ta’ l-Appellant lejhom kompla jiddeterjora. Huwa rrakkonta bid-dettall l-incidenti ta’ meta gew appuntati l-*alternate directors,* ta’ l-attentat li l-Appellant jikseb ittra ta’ appogg minghand Joe Rizzo Direttur tal-Associated Supplies u ta’ meta hu stieden lill-Appellant u lil Jean-Paul Tabone gewwa daru sabiex jiddiskutu s-sitwazzjoni.
Ix-xhud qal ukoll li fit-13 ta’ Dicembru 2014, The Players Group u Associated Supplies bhala azzjonisti kitbu lit-tielet azzjonist Intralot Global Holdings dwar it-thassib taghhom. Fit-23 ta’ Dicembru 2014 The Players Group regghet kitbet sabiex tilmenta dwar is-sitwazzjoni u l-atteggament tal-Appellant u l-problemi li qed jinholqu minhabba f’hekk.
Waqt il-kontro ezami, dwar il-profitabbilita li l-kumpanija ghamlet fi zmien li l-Appellant kien *CEO,* x-xhud qal li fil-fehma tieghu tali profitt kellu jkun oghla u dan fil-kuntest li l-kumpanija kellha monopolju fil-loghob tal-Lottu u komparat mat-*turnover* li kienet taghmel.
Ix-xhud qal li huwa qatt ma offra xi mpjieg lill-Appellant, pero’ huwa kien infurmat minn Jean Paul Tabone li ukoll huwa *shareholder* tal-kumpanija, li dan kien kellmu dwar xi nvolviment f’kumpanija gdida fin-Nigerja. Ix-xhud qal li huwa kien staqsa ghaliex dan id-diskors kien sar minn wara dahru u staqsa ukoll x’kien sar. Ix-xhud qal li l-Appellant kien wiegeb lil Tabone li sakemm Camilleri kien ghadu mall-kumpanija huwa ma jahdimx ghalih. Ix-xhud qal li lil Tabone kien qallu li l-anqas hu ma kien ried li l-Appellant jahdem mieghu.

Ix-xhud stqarr li kien sorpriz meta l-Appellant kien infurmah li huwa kien ser jiehu residenza shiha f'Malta u jahdem b'mod *full-time,* u dan ghaliex huwa kien jahseb li l-Appellant kien jahdem fuq bazi *full-time.*
Ix-xhud tenna li kien ilu jaf lill-Appellant madwar hmistax-il sena u kien jaghraf li kellu karattru li xi drabi kien ikun arroganti.

**Raphael Bianchi** xehed permezz ta' affidavit fejn il-kontenut tieghu kien jikkonsisti minn dettalji li jinsabu fl-affidavits precedenti ta' Mercieca, Tabone u ta' Camilleri. Huwa xehed ukoll in persona.
Ix-xhud qal li l-Appellant ma kienx jafdah u kien jitrattah b'sens suspettuz. Huwa qal li l-interessi ohra ta' negozju li huwa ghandu m'humiex f'konflitt ma' Maltco u huma affari personali tieghu. Bhala ezempju semma' li ghandu nteress fid-Dragonara Casino, u li f'Lulju tal-2014 huwa kien Direttur kemm ta' Maltco u tad-Dragonara Casino.
Ix-xhud ikkonferma li fis-17 ta' Settembru, 2014, lejliet it-18-il laqgha tal-Maltco Board huwa kien ceda postu bhala Direttur tad-Dragonara lill-ibnu.
Ix-xhud qal li sal-2012 Maltco kellha esklusivita fl-*isport betting.*
Ix-xhud sahaq li l-Appellant kien ilu ghaxar snin jakkuzah jew jissuspettah bhala persuna li ma setax jafda, izda qatt ma pprova xejn.
Ix-xhud ghamel referenza ukoll ghal fatt li f'Lulju 2014 id-Dragonara Casino kienet habbret li kienet ser tinvolvi fl-attivita ta' *sport betting* u dan fl-ambitu ta' suq kompetittiv. Ix-xhud ikkonferma li dakinhar huwa kien direttur kemm ta' Maltco u ta' Dragonara Casino.
Ix-xhud qal li t-talba tal-Appellant fir-rigward taz-zieda fis-salarju kienet li dan ikun ilahhaq madwar €300,000, spejjez ta' akkomodazzjoni, u hlas ghal spejjez tal-vjaggi bl-ajru ghall-Grecja. Ix-xhud qal li bhala diretturi rawha talba gholja hafna, u meta taw risposta b'offerta ohra din giet rifjutata mill-Appellant.
Ix-xhud qal li meta l-Appellant beda jmexxi l-kumpanija wara li din kienet giet privatizzata minn wahda parastatali din ghamlet avvanz fin-negozju ghaliex saret aktar efficcjenti. Izda, kompla x-xhud li fil-fehma tieghu kellha taghmel ahjar.

**Chronas Athanasios** xehed permezz ta' affidavit u anke in persona. Qal li huwa *Chief Legal Counsel* ta' Intralot u dan sa mill-1993. Huwa kompla li inizjalment l-Appellant kien impjegat ma' Intralot SA, fejn wara gie appuntat bhala *Board Director* tal-Maltco Lotteries Ltd., u fl-2005 anke bhala *Advisor* tal-kumpanija. Kompla li eventwalment l-Appellant gie mbaghad impjegat bhala *CEO* tal-kumpanija.
Ix-xhud qal li mil-lat kummercjali l-kumpanija kienet sejra tajjeb taht it-tregija tal-Appellant bhala *CEO* u minn dan l-aspett qatt ma kien hemm diskussjoni. Izda, kompla x-xhud, f'Settembru 2014 bdew jitfaccaw numru ta' lmenti min-naha tax-*shareholders* Maltin, u dan dwar l-imgieba u l-attitudni tal-Appellant lejhom. Dawn l-ilmenti kienu evidenti permezz ta' ittri mibghuta via *Email* minn Mario Camilleri datati 23 ta' Settembru u 23 ta' Ottubru 2014.

F'dan il-kuntest ix-xhud ghamel referenza ukoll ghaz-zieda fis-salarju mitluba mill-Appellant u reazzjoni tieghu wara li kien gie nfurmat li tali talba ma kinitx ser tigi milqugha.

Ix-xhud kompla li s-sitwazzjoni kompliet tiddeterjora meta rcevew korrispondenza relatata mall-fatt li x-*shareholders* Maltin riedu jappuntaw lill-konsulenti legali taghhom bhala *alternate directors* ghal-laqgha tal-Bord tad-Diretturi li kellha issir nhar il-21 ta' Novembru 2014 u fejn l-Appellant kien qed joggezzjona. Ix-xhud qal li f'dik il-korrispondenza kien gie rikjest sabiex Intralot tkun aktar prezenti waqt il-laqghat tal-Bord u mhux ihallu kollox f'idejn l-Appellant.

Ix-xhud qal li huma ddiskutew is-sitwazzjoni b'mod intern u baghtu r-rispons taghhom lill-Players Group permezz ta' ittra ffirmata mis-Sur Pantoleon bhala Direttur tal-Intralot fuq il-Bord tal-Maltco. Ix-xhud qal li kien gie miftiehem li qabel il-laqgha tal-Bord tad-Diretturi ssir laqgha nformali mall-Players Group fejn jigu diskussi kemm il-posizzjoni tal-Appellant u anke dik tal-*alternate directors.*

Ix-xhud kompla li bejn l-24 u 29 ta' Dicembru 2014 gew skambjati korrispondenzi mall-Players Group, ghaliex dawn kienu ddeskrivew is-sitwazzjoni li holoq Malta l-Appellant bhala wahda kritika. Ix-xhud qal li fis-7 ta' Jannar, 2015, is-Sur Pantoleon kien kiteb lill-Players Group li l-laqgha nformali kellha issir fit-13 ta' Jannar 2015, laqgha li fil-fatt saret propju dakinhar.

Ix-xhud qal li fis-27 ta' Jannar 2015, il-Players Group kitbu lis-Sur Pantoleon ghaliex kienu ghadhom ma rcevewx *feedback* dwar dak, li kien gie diskuss fil-laqgha li kellhom mieghu.

Ix-xhud qal li fl-ambitu tas-sitwazzjoni huma kienu ddecidew li s-Sur Kerastaris *Group CEO* ta' Intralot jinhatar *Chairman* ta' Maltco ghal-laqgha li kien imiss tal-Bord tad-Diretturi. Huwa qal li dan il-pass intlaqa' tajjeb minn Players Group.

Ix-xhud kompla li fi Frar 2015 saret laqgha ohra nformali ma' Players Group fejn fiha hadu sehem is-Sur Kerastaris u s-Sur Nikolakopoulos li kien inhatar bhala Group COO minflok is-Sur Pantoleon.

Huwa ddeskriva din il-laqgha bhala li kienet wahda kordjali fejn fiha l-Players Group spjegaw il-kwistjonijiet li kien kellhom dwar l-Appellant. Ix-xhud qal li f'din il-laqgha gie maqbul li Intralot tiehu decizjoni dwar dan fil-laqgha tal-Bord tad-Diretturi li kellha ssir fis-6 ta' Marzu 2015.

Ix-xhud kompla li ntqal lilu li fil-laqgha riferuta l-Appellant kien gie nfurmat mis-Sur Kerastaris li l-impjieg tal-Appellant ma kienx ser jigi mitmum izda li l-posizzjoni tieghu bhala *CEO t*a' Maltco kienet ser tigi mibdula ma' wahda fi hdan il-grupp Intralot. Ix-xhud qal li l-posizzjoni offerta kienet dik ta' *CEO* f'sussidjarja ta' Intralot fil-Marokk fejn jittiehed hsieb ukoll il-*business development* fit-teritorji u stati Afrikani.

Ix-xhud kompla li fil-frattemp saret laqgha nformali bejn is-Sur Kerastaris u l-Appellant bil-ghan li tinstab soluzzjoni, li pero' ma solvitx il-kwistjoni. Ix-xhud qal li laqgha simili saret bejn is-Sur Nikolakopoulos u l-Appellant fejn ukoll ma gietx rizolta l-kwistjoni. Huwa kompla li f'April 2015 l-offerta lill-Appellant saret b'mod ufficcjali, liema offerta deskritta aktar qabel giet rifjutata mill-Appellant.

Ix-xhud kompla li fis-16 ta' Gunju 2015, saret laqgha ohra tal-Bord fejn attendew id-diretturi tal-Players Group. F'din il-laqgha hadu sehem ukoll ix-xhud innifsu, u s-Sinjuri Kerastaris u Nikolakopoulos. F'din il-laqgha is-Sur Kerastaris habbar li l-Appellant ma kienx ser jibqa' *CEO* u bl-appuntar ta' *Interim CEO* minfloku.

Ix-xhud qal li s-Sur Nikolakopoulos kien infurmah li waqt laqgha li dan kellu f'Oslo n-Norvegja, gimgha qabel, huwa kien informa lill-Appellant dwar dan u specifikament infurmah li huwa (l-Appellant) ma kellux jattendi fil-laqgha tal-Bord tad-Diretturi tas-16 ta' Gunju 2015.

Ix-xhud qal li izda kif kienu dehlin fil-kamra fejn kellha ssir il-laqgha tal-Bord sabu lill-Appellant jistennihom u s-Sur Nikolakopoulos bil-lingwa Griega fakkru x'kienu tkellmu f'Oslo u bil-pulit qallu biex johrog halli tibda l-laqgha tal-Bord.

Ix-xhud qal li l-Appellant wiegeb li ma jiftakarx b'dak li kien qed jghid s-Sur Nikolakopoulos u nsista mac-*Chairman* Kerastaris li jibqa' prezenti.

Ix-xhud qal li fil-laqgha kien gie deciz b'mod unanimu li l-Appellant kellu jigi mnehhi mill-kariga tieghu ta' *CEO* Maltco u minfloku jinhatar bhala *Interim CEO* is-Sur Kasiotakis. Ix-xhud qal li wara huma marru fl-ufficcju tal-Appellant sabiex jgharrfuh b'dak li kien sehh, fejn komplew certu battibekki dwar x'kien intqal fil-laqgha ta' Oslo.

Ix-xhud kompla li s-Sur Kerastaris laqa' r-rikjesta tal-Appellant sabiex huwa jkun jista jkompli f'Malta sa l-ahhar ta' Lulju sabiex ikun jista' jissetilja xi affarijiet pendenti u jhalli l-appartament li kellu mikri. Ix-xhud qal ukoll li s-Sur Kerastaris kien qal lill-Appellant sabiex jiltaqghu Ateni sabiex jiddiskutu terminazzjoni bonarja tal-impjieg tieghu u b'mod generali r-relazzjoni tieghu ma' Intralot Group. Ix-xhud qal li fl-istess jum kienet harget cirkolari mall-Maltco, ffirmata mis-Sur Kerastaris fejn kien imhabbar li b'effett mis-17 ta' Gunju 2015, l-Appellant ma kienx ser jibqa' *CEO* ta' Maltco.

Ix-xhud kompla li fl-10 ta' Lulju 2015, l-Appellant kien baghat *Email* lis-Sur Kerastaris fejn infurmah li huwa qatt ma kien irrizenja mill-kariga ta' *CEO* Maltco u talab laqgha formali. Ix-xhud qal li wara din il-komunikazzjoni, komplew diskussjonijiet bejn Intralot u l-Appellant bil-ghan li huwa jispicca kemm minn ma' Intralot u anke minn ma' Maltco bhala mpjegat.

Ix-xhud kompla li saret laqgha specifika dwar dan is-sugett gewwa Ateni bejn l-Appellant u s-Sur Nikolakopoulos fejn huwa kien prezenti fejn fiha saret offerta lill-Appellant.

Ix-xhud qal li negozjati dwar dan tkomplew bejn l-Appellant u l-*HR Department* ta' Intralot dwar pakkett maqbul li pero' qatt ma gie mmaterjalizzat fi ftehim. Ix-xhud qal li wara li d-diversi tentattivi sabiex tinstab soluzzjoni fallew, is-Sur Kerastakis informa lill-Appellant li huwa kien qed jigi ssensjat mill-impjieg tieghu ma' Maltco b'effett mill-14 ta' Lulju 2015.
Ix-xhud sahaq li fil-11 ta' Novembru 2015, saret laqgha straordinarja tax-*shareholders* fejn l-Appellant kien imnehhi minn Direttur ta' Maltco jirraprezenta lill-Intralot bhala *shareholder*, dan wara li l-Appellant kien inghata l-opportunita li jigi mismugh.
Ix-xhud qal li lill-Appellant hadem mieghu ghal bosta snin fuq progetti varji u jaghrfu bhala bniedem kapaci. Huwa rrefera bhala nuqqas fil-karattru tieghu li xi drabi jkun temperementali u li dwar dan gieli kellmu fejn kien ittih parir ikun aktar kalm fir-rejazzjionijiet tieghu ma' nies ohra, ma' terzi fi hdan il-Grupp u b'mod partikolari ma' terzi barra mill-Grupp.
Ix-xhud qal li huwa konxju minn xi allegazzjonijiet li l-Appellant ghamel dwar konflitt ta' nteress fil-konfront ta' xi membri ta' Players Group.
Ix-xhud qal li fil-fehma tieghu certu argumenti bejn l-Appellant u s-Sur Bianchi evolvew f'konfrontazzjonijiet ta' natura personali.
Ix-xhud stqarr li dwar l-allegazzjonijiet tal-Appellant, kienu hadu l-pariri legali nterni u ta' avukat estern u l-opinjoni taghhom kienet li ma kienx ser ikun facli ghall-Maltco Lotteries li din il-materja tigi segwita fil-konfront tas-Sur Bianchi.
Ix-xhud sahaq li r-raguni li kien intemm l-impjieg tal-Appellant kien minhabba r-relazzjoni xejn tajba tieghu mall-membri ta' Players Group. Huwa qal li Intralot bhala x-*shareholder* maggoritarja riedet issib triq kif ikollha relazzjonijiet tajba mall-*partners* lokali, fejn min-naha taghhom dawn kienu jinsistu li jekk l-Appellant ma jkunx mibdul ser jibqa' jkun hemm *issues* fl-andament operazzjonali tal-kumpanija.
Ix-xhud qal li kien hemm diversi attentati sabiex l-Appellant jibqa' fi hdan Intralot. Dan fis-sens, kompla x-xhud li huwa gie offrut il-post ta' *CEO* fil-Marokk u jipprocedi fuq zvilupp kummercjali fil-punent tal-Afrika, proposta li kienet rifjutata mill-Appellant. Huwa qal li ma jafx li sariltlu xi proposta ghall-posizzjoni fil-Grecja ghaliex fil-posizzjoni tieghu ma kienx hemm vakanzi. Ix-xhud qal li anke kien sar attentat li jkun hemm qbil bonarju f'forma ta' *cash settlement* izda ma kienx hemm ezitu posittiv.
Ix-xhud tenna li f'laqgha tal-Bord li kienet saret fis-16 ta' Gunju 2015, kien hemm rekordjat li l-Appellant ikun mibdul u jigi appuntat *CEO* iehor .

**Antonios Kerastaris** permezz ta' affidavit xehed li sa mill-bidu tal-kariga tieghu (17 ta' Novembru, 2014) bhala *CEO* tal-Intralot SA kienu qed ifeggu lmenti minghand *shareholders* Maltin tal-Players Group li kienu rapprezentati fil-Bord tal-Maltco u propju fil-21 ta' Novembru 2014 kien ircieva l-ewwel *E-mail*

minghand Ralph Bianchi li kienet tindika li x-*shareholders* Maltin riedu li jappuntaw lill-konsulent legali taghhom bhala *alternate dierctor* u li Dr. Katakis kien qed jirrifjuta li jhalli lil dan il-konsulent jattendi l-laqgha. Fl-istess korrispondenza kienet saret talba sabiex ir-rapprezentanza ta' Intralot tkun aktar prezenti fil-laqghat tal-Bord u mhux ihallu t-tmexxija shiha f'idejn Dr. Katakis. Ix-xhud qal li huwa ghadda kopji ta' dan lil Dr. Athanasios u Ionnis Pantoleon sabiex huma jittrattaw l-affari. Ix-xhud qal li fl-istess korrispondenza kien hemm ilmenti dwar l-attitudni ta' Katakis lejhom bhala membri tal-Players Group.
Ix-xhud kompla li fit-12 ta' Dicembru 2014 kien ircieva korrispondenza ohra minghand Players Group u S-Sur-Rizzo ta' Associated Supplies tinforma li Katakis kien qed jipprova jikkonvinci lil Rizzo jiffirma ittra ta' tifhir dwaru bhala *CEO* Maltco.
Ix-xhud kompla li xi granet wara kien informa li kienet ser issir laqgha f'Malta, fejn prezenti kien ser ikun hemm is-Sur Pantoleon u dan sabiex ikunu jistghu jifformaw opinjoni fuq dak li kien qieghed jintqal. Tali laqgha saret fit-13 ta' Jannar 2015. Ix-xhud qal li ftit wara huwa lahaq *Chairman* tal-Bord ta' Maltco Lotteries.
Ix-xhud kompla jispjega li fis-17 ta' Frar 2015, huwa flimkien ma' Chronas Athanasios u S-Sur Nikolakopoulos li kien lahaq minflok Pantoleon regghu ghamlu laqgha ohra ma' Players Group sabiex jittrattaw l-affari ta' Katakis fi hdan Maltco. F'din il-laqgha kien gie maqbul li decizjoni fuq l-affari kellha tittiehed waqt laqgha tal-Bord li kellha issir fis-6 ta' Marzu 2015. Ix-xhud tenna li minn dik il-laqgha kien ikkonkluda li l-problemi ma' Katakis kienu ta' natura personali u ma kienux relatati mall-prestazzjoni tieghu bhala xoghol izda ghaliex il-mod kif kien qed igib ruhu mar-rapprezentanti ta' Players Group ma' kinitx accettabbli u nieqsa mir-rispett. Ix-xhud stqarr li fil-laqghat li kellu huwa ma ltaqax ma' Katakis. Ix-xhud tenna li mil-lat finanzjarji Katakis kien kiseb rizultati li kienu kif progettati, izda l-problemi kienu kif kien jimmaniggja l-*istakeholders* u l-ambjent f'dan ir-rigward. Ix-xhud qal li ma' Katakis iltaqa' nhar is-6 ta' Marzu 2015, fejn infurmah bid-decizjonijiet li kienu ser jittiehdu. Ix-xhud qal li fl-ewwel laqgha tal-Bord tieghu bhala *Chairman*, kienu diskussi il-preokkupazzjonijiet ta' Katakis dwar xi konflitti ta' nteressi li seta' kellhom xi diretturi u anke taw struzzjonijiet lill-konsulenti legali taghhom sabiex jittiehdu l-passi necessarji sabiex ikunu protetti l-interessi tal-kumpanija kontra xi kompetizzjoni mhux gusta.
Ix-xhud stqarr li in seguito ta' dik il-laqgha huwa kien informa lill-Katakis li huwa kien ser tinbidillu l-posizzjoni tieghu minn *CEO* Maltco u kien ser jinghata kariga alternattiva fi hdan Intralot Group u li din kellha tkun *CEO* fil-Marokk. Ix-xhud tenna li d-decizjoni li ttiehdet kienet wahda fl-interess tal-kumpanija ghaliex ir-relazzjoni bejn is-CEO Katakis u d-diretturi kienet wahda mhux tenibbli.

Ma kinitx decizjoni bbazata fuq temmen verzjoni jew ohra tenna x-xhud izda wahda li kienet tipprotegi l-interessi tal-kumpanija.

Ix-xhud kompla li fis-16 ta' Gunju 2015, saret laqgha ohra tal-Bord, fejn thabbar li minflok Katakis bhala *CEO* Maltco kienet ser tinhatar persuna ohra bhala *Interim CEO*. Huwa qal li qabel dan il-*meeting* kien infurmat li Nikolakopoulos gimgha qabel kien iltaqa' ma' Katakis gewwa Oslo fejn kien infurmah li huwa ma kellux jattendi l-laqgha tal-Bord f'Malta. Ix-xhud qal li dakinhar tal-laqgha sabu lil Katakis fil-*Boardroom* u meta Nikolakopoulos fakkru x'kien qallu gewwa Oslo dan (Katakis) min-naha tieghu qal li ma jiftakarx.
Ix-xhud kompla li fil-laqgha tal-Bord kien gie deciz li s-Sur Kasiotakis kien ser jinhatar *Interim CEO* minflok Katakis. Wara l-laqgha Katakis kompla jinsisti li Nikolakopoulos mhux vera kien qallu biex ma jattendiex il-laqgha tal-Bord.
Ix-xhud qal li b'rizultat ta' dan ma setax ikun hemm kollaborazzjoni bejnu u bejn Nikolakopoulos bhala *COO* tal-Intralot Group.
Ix-xhud qal li bhala kortesija kien accetta talba ta' Katakis li jibqa' Malta sa l-ahhar ta' Gunju sabiex jissettilja xi affarijiet pendenti u jhalli l-appartament li kellu mikri u li wara kellu jmur Ateni sabiex jiddiskutu terminazzjoni amikevoli tal-impjieg tieghu u r-relazzjoni generali tieghu ma' Intralot.
Ix-xhud qal li fl-10 ta' Lulju 2015 huwa kien ircieva *Email* minghand Katakis fejn dan kien sahaq li huwa qatt ma rrizenja mill-kariga ta' *CEO* Maltco u talab laqgha formali fuq din il-materja. Ix-xhud spjega li filwaqt li Katakis kien impjegat bhala CEO ta' Maltco huwa kien appuntat ukoll direttur fuq il-Bord ta' l-istess kumpanija bhalma kien hu (x-xhud).
Ix-xhud temm ix-xhieda tieghu billi qal li wara diversi attentati sabiex ikun hemm ftehim amikevoli fuq din il-materja, tali ftehim baqa' ma ntlahaqx, u huwa nforma ufficcjalment lil Katakis li l-impjieg tieghu kien gie mitmum b'effett mill 14 t'Ottubru 2015.

**Nikolas Nikolakopoulos** xehed kemm permezz ta' affidavit u anke in persona. Huwa beda billi qal li huwa kien qabad ikun involut fl-affari ta' Katakis fi Frar 2015 meta huwa kien issostitwixxa lis-Sur Pantoleon bhala *Group COO* Intralot. Huwa qal li ilu jahdem ma' Intralot ghal 11 il-sena u ilu Membru fil-Bord tad-Diretturi tal-Maltco sa minn Marzu 2015.
Huwa qal li fis-17 ta' Frar 2015 kien ha sehem flimkien mas-Sinjuri Kerastaris u Chronas fl-laqgha nformali ma' Players Group dwar problemi li kellhom ma' Katakis fil-hidma tieghu bhala *CEO* Maltco. F'din il-laqgha kien gie maqbul li decizjoni dwar dan is-suggett kellha tittiehed fil-laqgha tal Bord li kellha ssir Malta nhar is-6 ta' Marzu 2015.
Ix-xhud kompla li wara din il-laqgha, Katakis kien gie nfurmat li ghalkemm l-impjieg tieghu ma kienx ser ikun mitmum huwa kien ser ikun sostitwit bhala *CEO* Maltco u kien ser jinghata posizzjoni alternattiva fi hdan Intralot Group.

Dan minhabba, kompla x-xhud, li kien hemm stat ta' tensjoni bejn Players Group u Intralot. Ix-xhud tenna li d-decizjoni li l-Appellant ma jibqax aktar *CEO* ta'

Maltco kienet wahda amministrattiva li ttiehdet mill-Bord tad-Diretturi u dan sar fl-interess tal-kumpanija.
Ix-xhud qal li wara diversi laqghat ma' Katakis bil-ghan li jintlahaq ftehim, f'April 2015 kien ghamel offerta formali lil Katakis ghall-kariga ta' *CEO* fil-Marokk li pero' huwa rrifjuta.
Ix-xhud qal li gimgha qabel is-16 ta' Gunju 2015 huwa kien iltaqa ma' Katakis gewwa Oslo fejn kien infurmah li f'dik id-data kellhu jiltaqa' l-Bord f'Malta u specifikament gharrfu li huwa (Katakis) ma kellux ikun prezenti.
Ix-xhud wara ghadda sabiex irrakkonta x'gara dakinhar fejn sabu lil Katakis fil-*Boardroom*, filwaqt li beda jichad li huwa kien infurmat sabiex ma jattendiex. Ix-xhud qal li f'dik il-laqgha kien gie deciz b'mod unanimu li Katakis kellu jitnehha mill-kariga ta' *CEO* u Vasileios Kasiotakis jinhatar *Interim CEO* minfloku. Huwa kompla li wara kienu marru jkellmu lil Katakis dwar din id-decizjoni fejn huwa baqa' jinsisti li ma kienx avzat sabiex ma jattendix il-laqgha tal-Bord u nsista li hu (x-xhud) ma kienx qed jghid il-verita.
Ix-xhud kompla li s-Sur Kerastaris spjega li b'rizultat ta' din ic-cirkostanza ma setax ikun hemm kollaborazzjoni bejnu u bejn ix-xhud fil-kapacita' tieghu ta' *Group COO*. Kompla li Kerastaris laqa talba ta' Katakis sabiex ikun jista joqghod Malta sa l-ahhar ta' Lulju halli jaqghlaq xi pendenzi u jitlaq l-appartament li kellu mikri, fejn wara kellhom jiltaqghu f'Ateni bil-ghan li jiddiskutu terminazzjoni bonarja tal-impjieg u r-relazzjoni generali tieghu ma' Intralot.
Ix-xhud stqarr li minkejja diversi attentati u laqghat ma' Katakis sabiex ikun hemm tmiem bonarju bejniethom, ftehim baqa' ma ntlahaq qatt u Katakis gie mkecci mill-impjieg b'effett mill 14 t'Ottubru 2015.
Ix-xhud temm billi qal li fil-11 ta' Novembru 2015 giet imsejjha laqgha straordinarja tax-*shareholders* fejn Katakis kien imnehhi minn Direttur tal-kumpanija jirrapprezenta lill-Intralot bhala *shareholder*. Dan, kompla x-xhud, wara li Katakis inghata l-opportunita li jkun mismugh.

**Ioannis Katakis,** l-Appellant beda x-xhieda tieghu billi qal li huwa hadem ma' Maltco bejn l-2001 u l-2015, ghal kwazi 15-il sena. Ix-xhud elabora li kien propju hu, li kien stabilixxa l-kumpanija u fejn kien ukoll ghazel min kellhom ikunu x-*shareholders* minoritarji. Huwa qal li sa l-2014 kollox mexa sew minghajr problemi fejn kellu kull sapport. Huwa qal li l-profitt tal-kumpanija kien wiehed kontinwu u fejn il-*minority shareholders* kienu jiehdu aktar minn €200.000 kull sena. Hawnhekk ix-xhud accenna li anke l-investituri griegi kienu kuntenti b'dawn ir-rizultati.

Ix-xhud qal li fl-2014, huwa kien ittenda mill-medja u gurnali li l-'*isports betting'* li kien stabbilit minn Maltco fl-2001, kien qed jigbed l-attenzjoni ta' entitajiet ohrajn f'Malta l-aktar il-*casinos*, fejn kellhom interess li jiehdu parti minn dan in-negozju., u fejn wiehed minn dawn kien id-Dragonara Casino.

Ix-xhud kompla li f'dan il-kuntest huwa rrejalizza li Ralph Bianchi tal-Bianchi Group li kien wiehed mid-Diretturi tal-Players Group kien involut ukoll fid-Dragonara Casino bhala membru tal-Bord. Ix-xhud qal li meta huwa kien kellem lil Bianchi dwar li huwa kellu konflitt ta' nteress, dan ma accettax dan l-istat.
Ix-xhud tenna li wara dan fis-17 ta' Settembru 2014, persuna ohra u cjoe' Mark Bianchi inhatret fil-Bord ta Dragonara Gaming Ltd., minflok missieru Ralph Bianchi. Mossa li fil-fehma tax-xhud kienet wahda intenzjonata sabiex tistor il-konflitt ta' nteress li Ralph Bianchi kellu peress li kien fiz-zewg kumpaniji li kienu jaghmlu l-istess affarijiet. F'dan l-istant ix-xhud ghamel accenn ghal *consortium agreement* li kien ikun hemm konflitt ta' nteress jekk xi *shareholder* kien ikun f'kumpanija li kellha relazzjoni fis-suggett ta' Maltco Lotteries.
Ix-xhud sahaq li l-posizzjoni li huwa ha dwar dan kienet qed tkun vista bhala ostaklu u allura riedu jsibu mezz kif jew iwaqqfuh jew jehilsu minnu.
Ix-xhud stqarr li huwa kien informa b'dan lill-*Management* li kien ghadu kif inhatar fil-Grecja, fejn kien poggiehom konxji tal-problemi u sfidi li din is-sitwazzjoni kienet ser tohloq lill-Maltco fil-futur.
Ix-xhud qal li min hemm ix-*shareholders* Maltin bdew jiltaqghu mall-Management Grieg fejn bdew jilmentaw li mieghu ma setghux jahdmu, ghaliex ma kienx jikkopera maghhom, ma setghux jittollerawh, izda mhux li huwa (x-xhud) ma kienx igib rizultati tajba b'xogholu. Ix-xhud qal li l-*management* gdid grieg ippruvaw isibu soluzzjoni fejn din kienet li jew jidhlu f'konflitt max-*shareholders* Maltin jew jibdlu lilu jew inehhuh minn Malta u jpogguh x'imkien iehor. Ix-xhud qal li kien f'dan ix-xenarju li kien gie offrut posizzjoni fil-Marokk, offerta li huwa rrifjuta. Huwa qal dan ir-rifjut ghamlu li tenut kont tal-esperjenza li huwa kellu ma' Intralot fis-South Africa u meta riedu jaghmlu negozju f'pajjizi bhal Kenja u n-Nigerja fejn ir-rizultat kien dizastruz. Ix-xhud sahaq li l-offerta tal-Marokk ma kinitx xierqa ghall-persuna fil-livell tieghu fejn biha ma kienx ser ikollu progress fil-karriera u ma kinitx ta' beneficcju ghalih. Ix-xhud qal li dan wassal ghat-tmiem tal-impjieg tieghu. Ix-xhud qal li nhar is-6 ta' Gunju 2015 kien tlaqqa l-Bord, liema laqgha kien organizza hu. Huwa qal li meta l-laqgha bdiet is-*CEO* Grieg kien qallu sabiex ihalli l-kamra u wara kien infurmat li kienet ittiehdet id-decizjoni li huwa kien gie mnehhi minn Maltco *CEO* u li kien ser jigi mibdul minn persuna ohra.
Ix-xhud kompla li meta staqsa x'ser jaghmel, kien intqal lilu li kienu ser jitkellmu mieghu meta jirritorna Ateni.

Huwa qal li kien baqa' ma sar xejn sa ma' f'Novembru 2015 kien kiteb permezz ta' avukat tieghu Dr. Adrian Delia sabiex ikun jaf il-posizzjoni tieghu. Huwa qal li s-salarju tieghu kien twaqqaf f'Lulju 2015 minghajr ma qatt kien infurmat ufficcjalment bil-miktub li l-impjieg tieghu kien gie mitmum. Huwa qal li f'Novembru 2015 kien inghata l-hlasijiet dovuti lilu, pero' baqa' ma nghatax il-*performance bonus* ta' dik is-sena. Huwa qal li s-salarju tieghu fl-ahhar ta' l-2014 kien ta' €73,000 fis-sena apparti l-'*performance bonus*'. Ix-xhud ipprezenta

dokumentazzjoni li skond hu preparata minn Maltco, li turi li r-renumerazzjoni annwali gross globali tieghu kemm f'dak li hu salarju, u pagamenti relatati mall-uzu ta' karozza privata u akkomodazzjoni kienu €140,500.
Ix-xhud kompla li meta mar Ateni kien intqal lilu mill-*Management* Grieg, Nikolas Kolombus u Kerastaris *CEO*, li kien ser jinghata '*golden handshake*' minn Malta fl-offerta ta' €200,000.
Huwa kompla li tali offerta kienet ikkondizzjonata li huwa jghin lill-kumpanija fil-proceduri li huma ghandhom kontra l-Gvern Malti fir-rigward ta' l-*isports betting* mill-*casinos.* Ix-xhud tenna li kien irrifjuta l-offerta li saritlu ghaliex kienet aktar baxxa mill-aspettattivi tieghu. Ix-xhud qal li din kienet is-soluzzjoni maghzula mill-*Management* Grieg. Soluzzjoni li fil-fehma tieghu (tax-xhud) kienet wahda zbaljata tant li wasslet lill-*Management* Grieg jirrealizza tard li kien zball ghaliex illum li l-*casino* qed joffri *sports betting* wassal sabiex Maltco qieghda fi proceduri legali kontra l-Gvern Malti dwar din l-*issue*. Ix-xhud tenna li dan kollu jaghtih ragun tal-posizzjoni li kien ha.
Ix-xhud sahaq li meta kien avzat li kien ser jintemmlu l-inkarigu tieghu bhala *CEO* f'Malta, lilu ma kinitx inghatatlu raguni ghala dan kien qed jigri anke jekk talab sabiex jinghata raguni. Lilu kien intqal biss li din kienet decizjoni tal-kumpanija, kompla x-xhud.
Ix-xhud qal li r-relazzjoni tieghu max-*shareholder* Bianchi sa mill-bidu nett ma kinitx wahda felici ghaliex kellu l-agenda tieghu tramite l-interessi tieghu fid-Dragonara Casino in kompetizzjoni ma' Maltco.
Ix-xhud tenna li huwa kien koncernat hafna li sakemm dam fl-impjieg ma' Maltco, Intralot bhala l-*major shareholder* ma kienux hadu passi fil-konfront ta' dak li huwa kien qed jishaq bhala konflitt ta' nteress tax-*shareholder* Bianchi.
Ix-xhud sahaq li l-insistenza tieghu ma kinitx kontra Bianchi per se izda kienet aktar ta' pressjoni fuq il-Gvern u fuq l-LGA sabiex jiehdu azzjonijiet kontra l-Casinos ghaliex b'mod mhux ufficcjali kienu qed joffru *sports betting*.
Huwa tenna li dik kienet il-posizzjoni li huwa kien jishaq fuqha, dik li ghalih kien konflitt li Bianchi filwaqt li kien Direttur ta' Maltco u kien jistaqsi mistoqsijiet dwar strategija, marketing u affarijiet li kienu jikkoncernaw lill-Maltco u fl-istess hin huwa (Bianchi) kellu nteressi f'kumpanija kompetitrici.

Ix-xhud qal li lejn Settembru / Ottubru 2014, il-management grieg kien tkellem mieghu dwar il-hsieb li huwa (l-Appellant) ikun bazat permanentament f'Malta u l-pakkett finanzjarju kollu tieghu jkun imhallas minn Maltco. Huwa qal li dan il-hsieb qatt ma kien gie diskuss fil-Bord ta' Maltco, ghalkemm hu, kien tkellem max-*shareholders* Maltin. Ix-xhud kompla li meta huwa kien mistoqsi minnhom, kemm kien il-pakkett finanzjarju kollu u huwa nfurmahom li dan kien ifisser id-doppju, r-reazzjoni taghhom kienet negattiva ghaliex din kienet ser taffettwalhon b'mod negattiv is-sehem taghhom fil-qliegh.
Meta muri kopja tal-FS3 tal-2014, ix-xhud wiegeb li din tindika d-dhul kollu li huwa dahhal minn Maltco sija bhala *CEO* u anke bhala Direttur.

Huwa qal li kien hemm ammont iehor li kien jirrifletti xoghol maghmul minnu barra minn Malta u li ma kienx ikun dikjarat a finijiet ta' taxxa f'Malta u li kien jigi depozitat f'bank fi New Zealand. Huwa tenna li dan kien isir skond il-kuntratt li huwa kellu mas-Socjeta' ntimata.

**Fotos Mavroudis** permezz ta' affidavit qal li huwa serva bhala *Chairman* ta' Maltco Lotteries Ltd., bejn Frar 2004 u Frar 2015. Huwa qal li kien spicca minn din il-kariga wara li huwa kien telaq minn ma' Intralot S.A. li kienet il-*major shareholder* ta' Maltco.
Huwa qal li matul iz-zmien li serva ma' Maltco, huwa hadem mill-qrib ma' l-Appellant Katakis. Huwa stqarr li minghajr esitazzjoni jghid li Katakis bhala *CEO* kien '*effective and hands-on*', fejn serva u hadem sew fil-posizzjoni tieghu bhala *CEO* fl-ahjar interess ta' Maltco.
Huwa stqarr li kien konxju li r-relazzjoni ta' Katakis ma' Maltco kienet kemm ta' Direttur u anke ta' *CEO*. Huwa kkonferma li l-parti l-kbira tad-dhul tieghu annwali li mien ivarja minn sena ghall-ohra kien isir fl-ahhar ta' kull sena bhala *performance bonus.*
Huwa tenna li tali *performance bonuses* kienu jkunu ukoll approvati minn Intralot *CEO* bhala r-rapprezentatnt tal-*major shareholder* f'Maltco.

**Emmanuel Micallef Borg** beda x-xhieda tieghu billi qal li l-Appellant kellu zewg kuntratti, wiehed identifikat bhala *overseas contract* ghal xoghol maghmul barra minn Malta u l-iehor maghruf bhala *Director's Agreement*. Ix-xhud qal li fl-ewwel wiehed kien hemm stipulat salarju ta €73,180 u bonus li kien suggett ghall-prestazzjoni tal-kumpanija u ghad-decizjoni taghha. Huwa qal li fl-ambitu ta' dan il-ftehim l-Appellant kien darbtejn inghata bonus fl-2004 u fl-2005. Ix-xhud qal li lejn l-ahhar fazi tal-impjieg tieghu huwa kien beda jinghata beneficcju monetarju relatat mall-appartament u l-karozza. Fir-rigward tat-tieni wiehed, ix-xhud qal li dan kien jistipula li l-minimu tar-renumerazzjoni tad-Diretturi fl-ammont ta' €15,375 li kienet tizdied jew le b'decizjoni tal-kumpanija fil-livell tal-Bord tad-Diretturi.

Aktar tard, waqt il-kontro-ezami x-xhud qal li s-salarju tal-Appellant kien €66,500. Huwa spjega li l-BOV kien ikun mitlub jittrasferixxi dan l-ammont f'kont li l-Appellant kellu barra minn Malta. Ix-xhud kompla li €45,000 ohra kienu jithallsu bhala '*fringe benefits*' ghall-uzu ta' karozza u ghall-akkomodazzjoni. Hlasijiet li x-xhud qal li ma kinux jinghataw lill-Appellant izda lil min kien jipprovdi l-karozza u l-akkomodazzjoni.
Ix-xhud qal li ma kienx konsapevoli dwar xi hlas ta' bonusijiet lill-Appellant fis-snin recenti. Huwa tenna li l-unici renumerazzjonijiet li l-Appellant inghata kienu tramite r-renumerazzjoni bhala Direttur u dan kien ikun approvat kull sena lejn l-ahhar ta' Marzu.

Fir-rigward ta' dokument ipprezentat minnu, ix-xhud spjega li d-dhul bhala salarju li l-Appellant dahhal bejn Jannar u Ottubru 2015 kien ta' €57,657, filwaqt li dak indikat ghas-sena 2014, bhala €73,180 kien ta' sena shiha.

- **Sintesi tat-trattazzjonijiet tal-kaz**

**Avv. Matthew Brincat** ghan-nom tas-Socjeta' ntimata beda billi ta' rendikont estensiv tar-relazzjoni li l-Appellant kellu ma' Intralot Group, u dan b'mod partikolari meta din inghatat licenzja biex topera f' Malta flimkien ma' *shareholders* minoritarji bhala Maltco.
L-Avv. Brincat spjega kif f'Jannar 2005, filwaqt li l-Appellant zamm ir-relazzjoni lavorattiva tieghu ma' Intralot fil-Grecja, huwa nhatar *CEO* ta' Maltco u sussegwentament Direttur fuq il-Bord tad-Diretturi taghha. Huwa tenna li filwaqt li dwar il-prestazzjoni lavorattiva tieghu qatt ma kien hemm kwistjonijiet, minn dak li gie evidenzjat quddiem it-Tribunal ir-ragunijiet ghat-terminazzjni tal-impjieg tieghu kienu in-nuqqas ta' rispett lejn ix-*shareholders* u ezekuttivi ta' Maltco u ta' Intralot. Komportament li ma kienx accettabbli ghall-persuna li kienet tokkupa l-oghla kariga ma' Maltco.
L-Avv. Brincat sahaq li t-Tribunal m'ghandux jillimita ruhu jekk l-Appellant bhala *CEO* mexxiex lill-kumpanija l-quddiem mil-lat finanzjarju biss izda jrid ukoll jaghti portata lejn il-fatt li persuni fi rwol *Senior Managerial* jikkomportaw rwiehom pari passu mall-valuri tal-kumpanija u dan b'livell ta' decenza u mgieba tajba kif mistenni minn persuni li jokkupaw tali posizzjonijiet.
L-Avv. Brincat sahaq li mill-evidenza migjuba f'dan il-process, jidher b'mod car illi r-reazzjoni tal-Appellant f'numru ta' okkazjonijiet kienet wahda ostili u ta' rabja jekk l-affarijiet ma jmorrux kif ikun irid hu. F'dan il-kuntest, l-Avv. Brincat irrefera ghal meta f'Settembru 2014 l-Appellant kien ippropona lill-Bord tad-Diretturi sabiex ikun hemm bdil fl-arrangamenti finanzjarji konessi mall-impjieg tieghu b'tali mod li l-pakkett finanzjarju shih li huwa kellu ghall-attivitajiet kollha li kellu jibda johrog minn Maltco minflok parti minn Malta u parti mill-Grecja. Dan kien ikun ifisser, spjega l-Avv. Brincat li s-salarju tieghu f'kuntratt gdid kien kwazi jirdoppja.
Huwa qal li malli l-Appellant kien iffaccjat b'reazzjoni negattiva min-naha tax-*shareholders* lokali kienet wahda sgardevoli fejn huwa ndika li jekk din l-affari ma tkunx rizolta ma jibqax jiehu inizjattivi u servizzi lill-Maltco.
L-Avv. Brincat qal li dan l-episodju kien segwit minn avvenimenti ohra li wasslu sabiex ir-relazzjoni bejn l-Appellant u x-*shareholders* lokali b'mod partikolari l-Players Group iddeterjoraw, sal-punt li dawn tal-ahhar, bil-ghan li jissalvagwardjaw l-interssi taghhom appuntaw lill-konsulenti legali taghhom bhala sostituti ghalihom biex jattendu l-laqghat tal-Bord tad-Diretturi. Huwa ta dettalji estensivi ta' dawn l-espisodji.
L-Avv. Brincat issokta li f'din l-inkwadratura kienet proposta laqgha min-naha ta' Intralot, proposta li kienet milqugha tajjeb mill-Players Group sakemm l-

Appellant ma jkunx prezenti. Tali laqgha saret nhar is-17 ta' Frar 2015. L-Avv. Brincat qal li f'din il-laqgha kien maghmul car li Players Group ma setghux ikomplu jahdmu mall-Appellant ghaliex fl-opinjoni taghhom l-attitudni u l-imgieba tieghu ma setghetx tkun tollerata aktar.
L-Avv. Brincat kompla li fis-6 ta' Marzu 2015 fl-laqgha li segwit wahda tal-Bord tal-Maltco fejn fiha kienu diskussi l-impjieg ta' l-Appellant u l-kariga tieghu bhala Direttur ta' Maltco u fejn ukoll ittiehdet decizjoni li l-impjieg tieghu u l-posizzjoni tieghu bhala Direttur ma kinux aktar tenibbli, sussegwentament l-Appellant kien gie infurmat b'din id-decizjoni minn Dr. Kerastaris li ftit taz-zmien qabel kien inhatar Intralot Group *CEO*.
L-Avv. Brincat kompla jispjega li l-impjieg tal-Appellant ma giex terminat dakinhar ghaliex l-intenzjoni ta' Intralot kienet li tinstab soluzzjoni amikevoli versu r-relazzjonijiet lavorattivi kollha li kellu l-Appellant. F'dan ix-xenarju l-Avv. Brincat ghamel referenza ghal diskussjonijiet dwar offerti li saru lill-Appellant minn Intralot sabiex huwa jmur jahdem f'pajjizi ohra fejn Intralot kellha nteress, diskussjonijiet li pero' ma wasslu ghall-ebda ftehim.
Dan u episodji ohra xejn posittivi bejn Ufficjali ta' Intralot u l-Appellant, kompla l-Avv. Brincat wasslu sabiex nhar is-16 ta' Gunju 2015 Dr. Kerastaris informa fi stqarrija li mill-ghada l-Appellant ma kienx ser jibqa' *CEO* ta' Maltco.
L-Avv. Brincat qal li wara li diskussjonijiet prolungati bil-ghan li jintlahaq ftehim bonarju bejn Intralot / Maltco u l-Appellant ma wasslu mkien, li l-impjieg tal-Appellant kien gie formalment mitmum permezz ta' ittra datata 14 t'Ottubru 2015. Huwa spjega li minkejja l-fatt li l-Appellant ma kienx fizikament jahdem ma' Maltco huwa xorta thallas ghall-perjodu ta' bejn is-17 ta' Gunju 2015 u l-14 t'Ottubru 2015.
L-Avv. Brincat sahaq li l-Appellant kuntrarju, ghal dak li jsostni kien jaf sew ir-ragunijiet ghaliex l-impjieg tieghu kien gie mitmum tant li dwar din il-materja huwa (l-Appellant) kellu diskussjonijiet varji kemm mas-Sur Nikolakopoulos u anke ma' Dr. Kerastaris.

L-Avv. Brincat qal li filwaqt li l-Appellant jiffoka nterament fuq Ralph Bianchi u l-potenzjal konflitt ta' nteress fid-Dragonara Gaming Ltd., li skond hu (skond l-Appellant) kienet ser tikkompeti ma' Maltco, li *stakeholders* kollha ta' Maltco li maghhom kien jiddilja kellhom battibekki mieghu minhabba l-attitudni intransigenti tieghu.
L-Avv. Brincat irritjena li l-Appellant gab it-temm tal-impjieg tieghu b'idejh, ghaliex minflok ma approprja ruhu ghall-istil edukat ta' bdil ta' ideat u forsi xi kultant jaccetta li l-affarijiet mhux dejjem isiru kif ikun irid hu, huwa ghazel li jkun konfrontattiv ma' dawk kollha madwaru, sal-punt li s-sitwazzjoni ma setghetx tibqa' sostnuta.

**Avv. Georg Sapiano u l-Avv. Joseph M. Grech** ghan-nom tal-Appellant bdew billi qalu li fl-ittra tat-terminazzjoni tal-impjieg ma nghatatx ir-raguni ghat-

tkeccija u li l-Appellant qatt ma nghatatlu l-opportunita ta' smiegh formali fejn ikun jista' jisma' u jiffaccja lil min qed jakkuzah u jkun mgharraf bir-raguni ghat-temm tal-impjieg tieghu. Fejn tabilhaqq id-Diretturi ta' Maltco infushom ma kienux mgharrfa bir-raguni tat terminazzjoni minn Maltco kif xehed b'mod car Hugh Mercieca li kien Direttur ta' Maltco meta sehhet it-terminazzjoni, tant li meta gie mistoqsi jekk jafx b'xi raguni gusta ghaliex tkecca l-Appellant huwa wiegeb '*No, I don't*'.
L-Avukati sostnew li galadarba kif stqarr Antonios Kerastaris l-Appellant kien fundamentali fis-sucess finanzjarju tas-Socjeta' ntimata, m'hemmx dubju li t-terminazzjoni ma tistax tkun ghal raguni ta' nkompetenza professjonali. Huma sostnew li d-Diretturi minoritarji kollha f'xi zmien servew fil-kariga ghal madwar 15-il sena, u kien biss fil-perjodu Lulju-Settembru 2014 li bdew ilissnu oggezzjonijiet dwar il-personalita', l-manjieri u l-imgieba tal-Appellant. Qabel dan il-perjodu sostnew l-Avv. Sapiano / Grech huma kienu kuntenti jippartecipaw fil-profitti generati mit-tmexxija tal-Appellant minghajr l-icken dissens. Huma komplew li qatt hadd mill-impjegati jew xi membru iehor tal-*Management* ma ghamel xi lment fil-konfront tal-Appellant.
L-Avv. Sapiano / Grech jghidu li l-Appellant isostni li t-terminazzjoni tal-impjieg tieghu kienet rizultat ta' numru ta' fatturi. Huma jsemmu d-decizjoni ta' Intralot li l-Appellant ikun bazat b'mod shih u esklusiv f'Malta bis-salarju tieghu jkun imhallas kollu minn Maltco biss. Isemmu ukoll il-fatt li huwa espona l-fatt li Raphael Bianchi kellu nteress kummercjali fi Dragonara Group li kienet qed tikkompeti f'qasam kopert bil-licenzja ta' Maltco u t-tielet il-fatt li kien hemm bidla fl-oghla kariga ta' Intralot fejn Antonios Kerastaris persuna relattivament estranja lahaq CEO f'nofs dawn il-kwistjonijiet.
L-Avukati sahqu li fil-bidu l-oghla karigi ta' Intralot appoggaw lill-Appellant kemm fir-rigward tal-kuntratt tax-xoghol gdid u anke dwar il-preokkupazzjoni tal-Appellant dwar l-interessi ta' Bianchi fid-Dragonara bhala kompetitrici.

Huma komplew li meta Kerastaris ittenda li l-konflitt bejn l-Appellant u l-imsiehba lokali kien skala sew u li dan kien zvilupp mhux mixtieq, fil-fehma tieghu t-tnehhija ta' l-Appellant kienet l-unika triq sabiex tkun devjata s-sitwazzjoni. L-Avukati f'dan l-istant irreferew ghall-offerti li saru minn Kerastaris sabiex l-Appellant jaccetta karigi fl-Afrika, liema offerti ma gewx accettati mill-Appellant ghaliex il-posizzjoni offruta ma kinitx komparabbli ma' li kellu.
L-Avv. Sapiano / Grech ghalqu billi stqarrew li r-raguni reali li minhabba fiha l-Appellant spicca minghajr impjieg kienet ghaliex Intralot fittxet li tbatti krizi li kienet qed tikkarga mall-imsiehba lokali meta nehhietu mill-*Management* ta' Maltco.

- **Konsiderazzjonijiet tat-Tribunal**

Il-kompitu ta' dan it-Tribunal kien li jiddeciedi jekk it-terminazzjoni mill-impjieg tal-Appellant bhala *CEO* ta' Maltco kinitx ghal raguni tajba u bizzejjed skond il-ligi. Dan ghamlu billi analizza l-fatti u xtarr bir-reqqa dovuta l-argumenti kollha mqajjma matul dan il-process, u dan kif gew sponuti mix-xhieda u dokumenti prodotti mill-partijiet.

Dan il-kaz huwa wiehed partikolari fejn jittratta r-rapport bejn kumpanija u d-Diretturi taghha. Il-kazista dwar '*senior management*' m'hjiex wahda numeruza ghaliex f'bosta kazi simili jinstabu soluzzjonijiet prattici bi ftehim accettabbli ghaz-zewg partijiet.

Dan it-Tribunal iqis li rekwizit fundamentali fir-relazzjoni bejn l-impjegat u min ihaddem huwa l-impenn. Dan ir-rekwizit jikber aktar fl-importanza tieghu meta l-kariga tal-impjegat tkun wahda ta' certa mportanza, bhalma kienet fil-kaz li dwaru tittratta din id-decizjoni.

Bla ebda dubju li l-livell ta' mpenn moghti min-naha tal-Appellant kien meqjus bhala sodisfacenti tant li fir-rigward tal-prestazzjoni tal-Appellant Antonios Kerastaris li dak z-zmien kien *CEO* ta' Intralot, li hija x-*shareholder* maggoritarju u *Chairman* tas-Socjeta' ntimata bil-gurament xehed li '*…the problem had nothing to do with John's performance as CEO of the Company…*'.

Skond Kerastaris is-sitwazzjoni problematika kienet il-mod kif iddeterjorat ir-relazzjoni tal-Appellant b'mod partikolari ma' Direttur ta' Players Group li huwa *shareholder* minoritarju. Huwa ddeskriva s-sitwazzjoni bhala '*…all of the problems were problems of personal nature. They had to do with the character of John'.* Kerastaris kompla li s-sitwazzjoni kienet iddigenerat f'wahda wahda mhux tenibbli.

Mill banda l-ohra, l-Appellant kien konxju li ma kienx ghadu 'ben vist' mis-sidien u li t-temm tal-impjieg tieghu fic-cirkostanzi kif zviluppaw deher bic-car li kien inevitabbli, tant li kien dispost, u eventwalment beda diskussjonijiet sabiex ikun hemm ftehim fuq kundizzjonijiet dwar kif kellu jintemm l-impieg. Diskussjonijiet li pero' ma wasslux ghall-ftehim.

Dwar it-temm propju tal-impjieg, Kerastaris stqarr hekk '*…my decision was based not on believing or not believing, my decision was based on, if the CEO of the company and the shareholders cannot work toghether, measures should be taken..' '…If it comes to a personal argument, the right thing to do is to change one of the elements so that the company can go ahead…we said that we will replace John as CEO of Maltco…'*. Dikjarazzjoni skjetta li l-element li kellu jigi mibdul kien l-Appellant.

Dan it-Tribunal jemmen bis-shih illi d-dritt tax-xoghol huwa sagrosant u ghandu jigi valorizzat kemm minn dak li jirrikjedieh u anke minn min jaghtih. U f'dan l-ambitu t-Tribunal jifhem li kumpanija ghandha dritt li thossa konvinta b'mod partikolari fir-rigward ta' l-ghola mpjegati taghha, li dawn ikunu jgawdu l-fiducja shiha tas-sidien ta' l-istess kumpanija. Pero' jekk dan in-nuqqas ta' tali konvincement, ma jkunx korraborat b'xi akkuzi serji u fondati, m'ghandux ikun daqshekk komdu u relattivament irhis li jigi terminat impieg.

Dan it-Tribunal jemmen li referenza bikrija ghall-medjazzjona serja tal-*issues* kollha kif zviluppaw bejn l-Appellant u l-Players Group kienet twassal ghall-konkluzzjoni differenti.

Tenut kont tal-mod kif gew ipprezentati l-fatti f'dan il-process, it-Tribunal, ma jhossx bhala accettabbli l-mod komparattivament facli li bih giet mitmuma din il-kwisjoni.

F'dan l-isfond, it-Tribunal jiddikjara t-temm ta' dan l-impieg bhala wiehed ingust u wara li gie meqjus it-tul tas-servizz li l-Appellant serva bhala *CEO* mas-Socjeta' ntimata, l-kapacitajiet lavorattivi tieghu u r-reputazzjoni tajba li huwa jgawdi fil-qasam li huwa jezercita l-professjoni tieghu, jiffissa kumpens pagabbli fis-somma ta' €83,125 li ghandu jithallas lill-Appellant mis-Socjeta' ntimata fi zmien tmien gimghat mid-data ta' din id-decizjoni.

Ghall-finijiet ta' Avviz Legali 48 tal-1986, dan it-Tribunal jistabilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl-ammont ta' €93.17.

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

(Iffirmat)

**Charles Cassar**
**Chairman**

**Vera Kopja**

**Marica Psaila**
**Ghas-Segretarju**